**QORTI TAL-MAĠISTRATI MALTA**
**Bħala Qorti ta`Ġudikatura Kriminali**
**Maġistrat**
Dr. VICTOR GEORGE AXIAK

**Seduta tat- Traffiku**
**Referenza tal-Każ: TRF-00121-2019-7**
**Il-Pulizija**
**(Spettur SARAH MAGRI)**
**Vs**
**Michael Joseph Berry (K.I. 354505L)**

Illum, 29 ta' Ottubru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi hawn taħt indikati.

Talli nhar it-23/3/2019 ghal habta ta`02:10hrs u fil-hin ta`qabel bil-vettura JBA304 ġewwa Triq tal-Barrani, Zejtun:

[1] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3))
[2] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`mod perikoluz (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2))
[3] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`nuqqas ta kont (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2))
[4] Soqt jew ppruvajt issuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f`post pubbliku iehor waqt li ma kontx f`kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi (Kap 65 Artiklu 15A (1))
[5] Inqast jew irrifjutajt li taghti skond il-ligi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew ta` l-urina (Kap 65 Section 15 (E))

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta` zmien li l-Qorti jidrilha xieraq

Semgħet ix-xhieda imressqa quddiem il-Qorti kif indikat fil-verbal tas-seduta/i u fliet id dokumenti kollha esebiti.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-abbli difensur tal-imputat u tal-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat illi mill-affidavits ta' PS 0639 Jean Mar Mangion u PC 1405 Dylan Gerada u mit-testimonjanza taghhom moghtija in kontroezami irrizulta *inter alia* illi nhar it-23 ta' Marzu 2019 ghall-habta tas-saghtejn u kwart ta' filoghdu l-pulizija mill-Ghassa taz-Zejtun gew

infurmati mill-*Control Room* li gewwa t-Triq tal-Barrani, Zejtun, direzzjoni lejn iz-Zejtun kien hemm vettura mahbuta f'hajt u possibilment kien hemm persuna ferita. Meta l-ufficjali tal-Pulizija msemmija accedew fuq il-post huma sabu l-vettura mahbuta, u cioe l-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni JBA304 u kif ukoll *"lix-xufier li kien hemm maghha"*[1] ossia' l-imputat. Dan kien wahdu.[2] Kien ukoll mitluq mal-karozza u gie nnutat illi seta' kien fis-sakra ghaliex kif beda ikellem lill-ufficjali, *"ilsienu beda jehel[3]".* Meta l-ufficjali tal-Pulizija msemija talbuh jaghmel it-test tal-*breathalyser* l-imputat irrifjuta li jaghmel dan u ppersista anke meta gie mwissi bil-konsegwenzi legali ta' tali rifjut. L-imputat iffirma ukoll ir-rifjut tieghu fuq ir-ricevuta (fol. 10).

Ikkunsidrat illi l-argumenti principali mressqa mid-difiza fit-trattazzjoni taghha kienu tnejn: (i) in-nuqqas ta' prova illi r-reati gew kommessi fil-gurnata u hin indikati fic-citazzjoni, (ii) in-nuqqas ta' prova illi l-vettura instaqet mill-imputat bi traskuragni, b'mod perikoluz u b'nuqqas ta' kont, u (iii) in-nuqqas ta' prova illi l-imputat ma' kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb.

Dwar il-gurnata u hin indikati fic-citazzjoni, il-Qorti ikkunsidrat illi l-Prosekuzzjoni mxiet b'mod korrett meta indikat li l-allegat reati sehhew fit-23 ta' Marzu 2019 ghall-habta ta' 02:10 hrs ***"u fil-hin ta' qabel"***. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Francis Bezzina** (App. Nru. 411/2017 CSH – 04/09/2018):

*"Huwa obbligu tal-prosekuzzjoni li tressaq il-provi taghha minghajr dubju dettat mir-raguni ghall-akkuzi li hija tressaq fic-citazzjoni. Dan l-obbligu fuq il-prosekuzzjoni huwa naxxenti mill-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali li jistipola li: Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Illi l-importanza tad-dettalji fic-citazzjoni u tal-obbligu/ l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq provi skond kif indikat fic-citazzjoni gew trattati wkoll fil-kawzi: Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et., deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-23 ta' April 2012; Il-Pulizija vs Warren Piscopo u il-Pulizija vs Ruth Theuma, it-tnejn li huma decizi mill-Qorti tal-Appell nhar id-19 ta' Ottubru 2010; il-Pulizija vs John Mary Briffa deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-18 ta' Ottubru 2005 u ricentament il-Pulizija vs Raymond Xerri, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Jannar 2017. F'dawn il-kawzi infatti l-imputati gew liberati propju minhabba li l-provi tal-prosekuzzjoni kienu qed jippuntaw lejn dati / hinijiet differenti minn dawk indikati fic-citazzjoni."*

Fl-istess sentenza l-Qorti tal-Appell ghamlet ukoll riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Rita Zammit** (deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-14 ta' April 2005) fejn l-imputata kien giet liberata minhabba zball fid-data fic-citazzjoni u l-Qorti kienet iddikjarat li d-data tal-allegat reat hija cirkostanza materjali u sostanzjali fl-akkuza,

Ikkunsidrat illi mill-assjem tal-provi ma' rrizultax illi r-reati sehhew f'hin u data differenti minn dawk indikati mill-prosekuzzjoni fic-citazzjoni. Fit-trattazzjoni d-difiza argumentat illi galadarba kien fis-saghtejn u kwart ta' filoghdu tal-gurnata in kwistjoni li l-Pulizija rceviet informazzjoni dwar l-allegat incident, din allura kien jehtigiela tipprova illi l-allegat reati tabilhaqq sehhew fid-data u l-hin imsemmija fic-citazzjoni. Il-Qorti ma' taqbel xejn ma' dan l-argument. Ghalkemm fi proceduri kriminali l-precizzjoni u l-ezattezza huma krucjali ghall-

[1] Fol 16
[2] Fol 15
[3] Fol 17

prosekuzzjoni sabiex tippruva l-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni, madanakollu m'hemm l-ebda htiega illi l-prosekuzzjoni taghmel l-impossibbli biex tipprova l-kaz taghha. Fic-cirkostanzi tal-kaz il-prosekuzzjoni kienet ghaqlija illi indikat fic-citazzjoni illi l-allegat reati sehhew jew fil-hin indikat jew *"fil-hin ta' qabel"*. B'dawn il-kliem il-Prosekuzzjoni wriet illi hija kienet hadet in konsiderazzjoni l-possibilita' illi l-allegat reati setghu sehhew anke sa' ftit sieghat qabel il-hin indikat. Ghalhekk ghal din il-Qorti ma' jezistix xi dubbju dettat mir-raguni dwar il-fatt li l-allegat reati sehhew fid-data u l-hin indikati fic-citazzjoni.

Dwar il-prova illi l-imputat kien il-persuna li kien qieghed isuq il-vettura, din il-Qorti terga' tissottolinea illi **m'hemm l-ebda htiega illi l-prosekuzzjoni taghmel l-impossibbli biex tipprova l-kaz taghha**. Matul it-trattazzjoni d-difiza qajjmet argument illi x-xufier seta' facilment kien persuna ohra illi lahqet telqet minn fuq il-post tal-incident qabel ma' waslu l-ufficjali tal-pulizija fuq il-post. Bir-rispett kollu din il-Qorti ma' taqbilx, ghalkemm tapprezza l-isforzi tad-difiza sabiex taghmel xogholha bl-ahjar mod li tista'. Din l-ipotesi mhux talli ma' harget imkien mill-provi izda talli giet mxejjna mill-imputat stess meta *a tempo vergine* dan stqarr mal-Pulizija illi huwa *"kien sejjer lura d-dar minn gurnata xoghol u tilef il-kontroll tal-vettura tieghu".*[4]

Dwar il-prova ta' sewqan b'mod traskurat, perikoluz u bla kont, il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Alfred Mifsud"**:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat...**sewqan bla kont** hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi ... **sewqan perikoluz** jirrekjedi li fil kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."*

Ikkunsidrat illi mill-provi li ngiebu fil-kors tal-kawza, ma' hemm l-ebda indikazzjoni, imqar minima, illi s-sewqan min-naha tal-imputat kien wiehed bla kont jew perikoluz. Madanakollu il-Qorti thoss li tressqu provi sodisfacjenti illi juru li s-sewqan kien wiehed traskurat u dan ghaliex kemm ir-raba u kemm il-hames imputazzjonijiet jirrizultaw ippruvati skond il-ligi.

Ikkunsidrat illi fir-rigward tal-hames akkuza l-prosekuzzjoni gabet provi bizzejjed illi l-imputat irrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs tieghu u inoltre ppruvat ukoll illi hija kienet tatu t-twissijiet necessarji dwar il-konsegwenzi legali ta' tali rifjut. Fil-verita' din tal-ahhar ma' kienetx necessarja li ssir stante illi l-Pulizija hija mehtiega taghti tali twissija lix-xufier biss **qabel ma' tarresta lix-xufier u dan dejjem jekk tiddeciedi li taghmel hekk, ai termini tal-Art. 15D(b) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta.** Malli l-imputat irrifjuta li jaghti l-kampjun mehtieg, skattat awtomatikament il-*praesumptio iuris tantum* (Art. 15E(4) tal-Kap. 65) illi *"l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt"*. Galadarba skattat tali presunzjoni, l-oneru dar fuq id-difiza sabiex tipprova li dan in-nuqqas kien minħabba xi inkapaċità fiżika jew mentali tal-imputat jew minhabba li l-ghoti tal-kampjun

[4] Fol. 2

kien jagħti lok għal riskju sostanzjali għal saħħet l-imputat. Mill-provi ma' rrizulta xejn illi b'xi mod ixejjen din il-presunzjoni.

Ikkunsidrat illi l-htija fuq il-hames akkuza bil-presunzjoni allacjata maghha illi l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm tal-imputat kien iżjed mil-limitu preskritt **necessarjament** iggib maghha ukoll il-htija fuq ir-raba' akkuza ghaliex, fir-rigward ta' din tal-ahhar il-fatt li persuna tkun hatja li saqet b'livell ta' alkohol fid-demm izjed mill-limitu preskritt ikun ifisser illi dik il-persuna ma' kienetx f'kundizzjoni li ssuq minhabba x-xorb. Il-limiti preskritti mill-ligi ma' waqghux mis-sema u gew imdahhla mill-legislatur proprju ghaliex kienet l-intenzjoni tieghu illi jgib dawn il-limiti izjed in konformita' ma' dawk ta' diversi Stati Membri ohra tal-UE. Kif intqal matul id-dibattiti parlamentari fid-diskussjoni dwar l-implimentazzjoni taghhom, dawn il-limiti gew stabbiliti abbazi ta' studji xjentifici li wrew li l-indeboliment (*"impairment*") fis-sewqan jaqbez il-limitu accettabbli fir-rigward tas-sahha u sigurta malli l-livell tal-alkohol jeccedi tali limiti. Dawn il-limiti preskritti mill-ligi ma' jaghmlux distinzjoni bejn is-sewwieqa fuq il-bazi tas-sess, bijologija u fizjologija taghhom u filfatt studji xjentifici kbar (fosthom Moskowitz u Robinson li fl-1988 hargu studju li gabar fih sommarju ta' mija seba' u sebghin studji ohra fuq din il-materja li saru madwar id-dinja) wrew illi rrispettivament mill-fizjologija u sess tal-bniedem, f'diversi kazijiet l-indeboliment jista' jibda sahansitra **f'livelli ferm inqas** mill-limiti preskritti. Dan ifisser illi sewwieq jista' ma' jkunx f'kundizzjoni tajba li jsuq minhabba xorb anke jekk l-livell ta' alkohol fil-gisem tieghu ma' jaqbizx il-limiti preskritti. Li huwa zgur pero hu illi malli jinqabez tali limitu m'ghandux ikun hemm argumenti dwar il-fatt illi x-xufier **ma' jkunx f'kundizzjoni tajba biex isuq**.

Ikkunsidrat ukoll illi galadarba gie ppruvat li s-sewwieq kien qed isuq b'livell ta' alkohol fin-nifs li jeccedi l-limitu preskritt, dan ifisser ukoll illi s-sewwieq kien qieghed necessarjament isuq b'mod traskurat ghaliex is-sewqan f'tali cirkostanzi ma' jistax jitqies illi jilhaq il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza u ghalhekk l-ewwel akkuza ukoll tirrizulta ppruvata.

Ikkunsidrat illi s-sewqan ta' vettura ghandu jitqies bhala privilegg u mhux dritt. Meta cittadin jircievi l-licenzja tas-sewqan tieghu huwa jaghmel hekk bi ftehim tacitu illi sejjer isuq bil-galbu b'mod illi ma' jipperikolax il-hajja tieghu jew ta' haddiehor u in konformita' mal-ligi.

Ikkunsidrat illi fir-rigward tal-piena, kif gie deciz mill-Qrati taghna:

*"Hu ormai principju stabilit li fejn l-istess fatt , rizultanti mill-istess u l-unika intenzjoni kriminali, jaghti lok ghall-ksur jew vjolazzjoni ta' diversi dispozizzjonijiet tal-ligi, ma jkunx hemm diversi reati distinti minn xulxin izda biss reat wiehed , bir-reati minuri assorbiti fir-reat aktar gravi. (Ara Appelli Kriminali : "Camilleri vs. Cilia et." [2.12.1839]; "Il-Pulizija vs. Cachia" [10.12.1939]; "Il-Pulizija vs. Pace" [28.1.1939] u ohrajn.)"*

Ghalhekk il-piena ghar-reati marbuta mal-ewwel u l-hames akkuzi ghandhom jigu assorbiti fil-piena ghar-reat li johrog mir-raba' akkuza.

**<u>Decide</u>**

**Wara li rat l-akkużi u l-liġi, ossia l-Artiklu 15(1)(a), 15(2), 15 (3), 15A(1)u 15E(4) lkoll taht il-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta:**

- **tillibera lill-imputat mit-tieni u t-tielet akkuza peress illi ma' jirrizultawx, u**

- **ssibu hati tal-akkuzi numru wiehed, erbgha' u hamsa u ghalhekk:**

    - **tikkundannah ihallas il-multa komplessiva ta' elf u tmien mitt euro (€1,800) liema multa għandha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta titħallas ratealment fuq medda ta' sitta u tletin (36) xahar permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsin euro il-wiehed (€50) b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufiħ u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor**
    - **tiskwalifikah milli jzomm il- liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur u tmient (8) ijiem u ai termini tal-Art. 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tordnalu sabiex immedjatament jghaddi l-istess licenzja lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.**
    - **ai termini tal- Art. 36B u s-Sitt Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi penali ta' sitt (6) punti fuq il-licenzja tas-sewqan tal-imputat liema punti għandhom jiġu mniżżla fid-database komputerizzata mizmuma ghal dan il-ghan mill-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta.**

Dr. VICTOR GEORGE AXIAK
Maġistrat

Yesenia Maria Pace
Deputat Reġistratur